Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1508

27.5.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1508**

**tas-27 ta’ Mejju 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta’ Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK [1].

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta’ Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b’mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u qed iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u globali. Il-Kunsill Ewropew appella għat-tħejjija u l-adozzjoni urġenti ta’ pakkett ta’ sanzjonijiet individwali u ekonomiċi ulterjuri. Il-Kunsill Ewropew appella lir-Russja u lill-formazzjonijiet armati appoġġati mir-Russja biex iwaqqfu l-kampanja ta’ diżinformazzjoni tagħhom.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta’ Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u d-dritt inerenti tagħha ta’ awtodifiża kontra l-aggressjoni Russa. Huwa appella wkoll għal aktar passi biex tiddgħajjef il-kapaċità tar-Russja li tkompli għaddejja bil-gwerra ta’ aggressjoni tagħha, inkluż bit-tisħiħ tas-sanzjonijiet.

(4) Il-Federazzjoni Russa impenjat ruħha f’kampanja sistematika u internazzjonali ta’ manipulazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-istrateġija tagħha ta’ destabbilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha, u tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. B’mod partikolari, il-propaganda kienet immirata ripetutament u konsistentement lejn il-partiti politiċi Ewropej, speċjalment matul il-perjodi elettorali, kif ukoll lejn is-soċjetà ċivili, il-persuni li jfittxu l-ażil, il-minoranzi etniċi Russi, il-minoranzi tal-ġeneru, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.

(5) Sabiex tiġġustifika u tappoġġa l-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa impenjat ruħha f’azzjonijiet ta’ propaganda kontinwi u miftiehma mmirati lejn is-soċjetà ċivili fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, li jgħawġu u jimmanipulaw b’mod gravi l-fatti.

(6) Dawk l-azzjonijiet ta’ propaganda twasslu permezz ta’ għadd ta’ mezzi tal-media taħt il-kontroll permanenti dirett jew indirett tat-tmexxija tal-Federazzjoni Russa. Tali azzjonijiet jikkostitwixxu theddida sinifikanti u diretta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni. Dawk il-mezzi tal-media huma essenzjali u strumentali biex imexxu ’l quddiem u jappoġġaw l-aggressjoni kontra l-Ukrajna, u għad-destabbilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha.

(7) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(8) B’mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li żewġ persuni u entità waħda responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jinżdiedu mal-lista ta’ persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

*ANNESS*

Il-persuni u l-entità li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1753. | Artem Pavlovich MARCHEVSKYI<br>magħruf ukoll bħala Artem Pavlovich MARCHEVSKIJ<br>magħruf ukoll bħala Artěm Pavlovič MARČEVSKIJ<br>(Артем Павлович МАРЧЕВСЬКИЙ) | Funzjoni: Politiku Produttur tal-Media Propagandista<br>Data tat-twelid: 5.7.1988<br>Post tat-twelid: Kyiv, USSR, issa Ukraine<br>Nazzjonalità: Ukraina, Iżraeljana<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3232824038 | Artem Marchevskyi huwa eks politiku Ukren, li huwa assoċjat mill-qrib ma' Viktor Medvedchuk, eks politiku u negozjant Ukren.<br>Minn April 2022 Artem Marchevskyi kien qed jiġi investigat*in absentia* mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni tal-Ukrajna għal atti kontra l-Ukrajna.<br>Artem Marchevskyi kellu rwol ewlieni fl-akkwist ta' marka tal-media, Voice of Europe u l-inkorporazzjoni tal-attività tagħha f'kumpanija b'responsabbiltà limitata bl-istess isem domiċiljata fi Praga. Bħala l-kap moħbi ta' Voice of Europe, Artem Marchevskyi kellu rwol strumentali fit-tixrid ta' diżinformazzjoni miftiehma u narrattivi preġudikati bl-għan li jdgħajfu l-kredibbiltà u l-immaġni pubblika tal-Ukrajna u l-isforzi tagħha biex tiddefendi ruħha kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.<br>Artem Marchevskyi uża Voice of Europe bħala mezz biex jiġu ffinanzjati riżorsi finanzjarji maħsuba għar-rimunerazzjoni tal-propagandisti, u għall-bini ta' network ta' influwenza li jgħaqqad lil Medvedchuk u lill-assoċjati tiegħu mar-rappreżentanti tal-partiti politiċi fl-Ewropa. Għalhekk, Artem Marchevskyi qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 27.5.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1754. | Viktor Volodymyrovych MEDVEDCHUK<br>magħruf ukoll bħala Viktor Volodymyrovič MEDVED-ČUK<br>(bir-Russu: Виктор Владимирович МЕДВЕДЧУК;<br>(bl-Ukren: Віктор Володимирович МЕД-ВЕДЧУК; | Funzjoni: Politiku, Negozjant, Sid de facto ta' mezz tal-media<br>Data tat-twelid: 7.8.1954<br>Post tat-twelid: Pochet, Krasnoyarsk Krai, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1994214296 | Viktor Medvedchuk huwa eks politiku u negozjant Ukren, li kien il-proponent ewlieni ta' politika favur ir-Russja fl-Ukrajna u li ppromwova politiki u azzjonijiet maħsuba biex idgħajfu l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-Gvern tal-Ukrajna.<br>Viktor Medvedchuk għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa assoċjat miegħu.<br>Permezz tal-assoċjati tiegħu, fosthom Artem Marchevskyi, Viktor Medvedchuk ikkontrolla l-mezzi tal-media Ukreni u użahom biex ixerred propaganda favur ir-Russja fl-Ukrajna u lil hinn minnha.<br>Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Viktor Medvedchuk xerred narrattivi ta' propaganda Russi dwar il-gwerra, li jdgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, f'April 2023 Viktor Medvedchuk waqqaf moviment politiku fir-Russja msejjaħ 'Another Ukraine'.<br>Mal-assoċjati u l-entitajiet assoċjati tiegħu, fosthom Marchevskyi u l-istazzjon tal-media Voice of Europe, Viktor Medvedchuk kompla jiffinanzja u jwettaq operazzjonijiet ta' influwenza mmirati lejn partiti politiċi u politiċi individwali fl-Ewropa. Dawk l-attivitajiet kienu jinkludu l-provvista ta' riżorsi finanzjarji lil atturi politiċi individwali fl-Ewropa. Viktor Medvedchuk mexxa u żamm kontroll fuq l-attivitajiet malizzjużi ta' Marchevskyi u Voice of Europe, bl-użu tad-direzzjoni de facto ta' Voice of Europe minn Marchevskyi.<br>Għalhekk, Viktor Medvedchuk qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 27.5.2024" |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "426. | VOICE OF EUROPE S.R.O. | Indirizz: Krakovská 583/9, 110 00 Prague, Czech Republic<br>Post tar-reġistrazzjoni: Prague, Czech Republic<br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.3.2023<br>Numru ta' reġistrazzjoni: CZ05185327<br>Post prinċipali tan-negozju: Czech Republic | Voice of Europe huwa mezz tal-media online, involut f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipulazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex tissaħħaħ id-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u biex tiġi ġġustifikata l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Voice of Europe jmexxi sit web u għandu kontijiet fuq Facebook, YouTube, Telegram u X li jxerrdu b'mod attiv diżinformazzjoni relatata mal-Ukrajna u jippromwovi narrattivi foloz favur il-Kremlin dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Voice of Europe huwa ffinanzjat u dirett b'mod sigriet minn Viktor Medvedchuk permezz tal-assoċjat tiegħu Artem Marchevskyi. Voice of Europe huwa għodda strumentali biex jinxterdu diżinformazzjoni miftiehma u narrattivi preġudikati bl-għan li jdgħajfu l-kredibbiltà u l-immaġni pubblika tal-Ukrajna u l-isforzi tagħha biex tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa.<br>Barra minn hekk, Voice of Europe ntuża bħala mezz biex jiġu ffinanzjati riżorsi finanzjarji maħsuba għar-rimunerazzjoni tal-propagandisti, u l-bini ta' network ta' influwenza li jgħaqqad lil Medvedchuk u lill-assoċjati tiegħu mar-rappreżentanti tal-partiti politiċi fl-Ewropa.<br>Għalhekk, Voice of Europe qed jappoġġa azzjonijiet materjali u finanzjarji li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 27.5.2024" |